**MINUTI**

## Kumitat Amministrattiv Swatar

# Laqgħa Nru. 35/2017

Data: 24 t'Awwissu 2017

Hin: 5.30 pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv, Pjazza Menqa, Msida

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Is-Sinj. Deborah Galea** | - | **Membru** |
| | **Is-Sur Emanuel Galea** | - | **Membru** |
| | **Is-Sur Owen Attard** | - | **Membru** |
| | **Is-Sur Michael Mifsud** | - | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Skużati:** | **Is-Sur Matthew Mangion** | - | **Chairperson** |
| | **Is-Sur Jimmy Zahra** | - | **Membru** |
| **Assenti:** | | | |

## AĠENDA

**Talba**

Fl-assenza taċ-Chairperson Sur Matthew Mangion, is-Sinjura Deborah Galea ppresidiet din il-35 Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar.

## 35.1 Qari tal-ittri ta' apologiji

Is-Sinj. Deborah Galea informat lill-Membri lis-Sur Matthew Mangion kien indispost minħabba li nqabad fuq ix-xogħol u is-Sur Jimmy Zahra jinsab imisefer għadaqstant ma jistagħux ikunu preżenti. F'dan ir-rigward kemm is-Sur Mangion u kif ukoll is-Sur Zahra huma skuzati skont l-Ordni Permanenti 14 A (3).

Il-Membri tal-Kumitat Amministrattiv qablu unanimament.

## 35.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-33 Laqgħa;

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nru 33 u dawn l-istess minuti ittieħdu bħala moqrija.

Il-Membri tal-Kumitat Amministrattiv approvaw il-minuti unanimament

## Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-34 Laqgħa;

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nru 34 fejn din il-Laqgħa ma setgħetx issir minħabba li ma kienx hemm quorum. Għaldaqstant kif inhu stipulat fil-liġi tal-Kunsill Lokali Kapitolu 356 wara 30 minuta l-laqgħa ġiet posposta. Dawn l-istess minuti ittieħdu bħala moqrija.

Il-Membri tal-Kumitat Amministrattiv approvaw il-minuti unanimament

## 35.3 Korrezzjoni tal-Minuti

**35.3.1 Laqgħa 33 -** Minflokk Laqgħa Nru 34/2017 giet tinqara Laqgħa Nru 33/2017

**35.3.2 Laqgħa 34 -** Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-Minuti tal-34 Laqgħa

## 35.4 Affarijiet li jitqajmu mill-Minuti tat-33 Laqgħa

35.4.1 Minuta 33.4.1 – Ġie spjegat lill-Kumitat Amministrattiv li kif kien mitlub fil-laqgħa preċedenti saret il-Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari L-Onor. Rodercik Galdes fej fl-istess laqgħa ġiet diskussa l-applikazzjoni PA/01281/14 dwar il-proposta l-ġdida fejn qed ikun skedat li jiżdiedu n-numru t'appartamenti tal-Housing iżda mhux qed tkun ikkonsidrata wkoll li jiżdied l-ammont ta' parkeġġ. L-Onor. Galdes infurmana li ser jistudja l-kas sabiex b'hekk jieħu inkunsiderazzjoni t-talba tal-Kumitat Amministrattiv.

Il-Membri tal-Kumitat qablu unanimament.

35.4.2 Minuta 33.4.1 – Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li kif kien mitlub ghamel talba lis-Segretarju Parlamentari L-Onor. Silvio Parnis sabiex issir laqgħa miegħusabiex jkunu diskussa l-finanzi tal-Kumitat tas-Swatar dan minhabba l-fatt li l-popolazzjoni u l-azjendi kummercjali żdiedu. L-Onor Parnis nfurmana li ser jibgħat għalina fl-iqsar żmien possibbli minħabba li għandu pjanat li ser jiltaqa' mal-Kumitati Amministrattivi individwalment.

Il-Membri tal-Kumitat qablu unanimament.

35.4.3 Minuta 33.5.2 – Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li dwar il-proġett rekrejattiv li ser isir fż-żona tat-Triq Balliju Guttenbur fejn għadu għaddej il-proċess tal-evalwazzjoni tat-tenders sabiex wara li jkun stabbillit min hu l-offerant magħżul jibda ix-

xogħol hekk kif kien previst. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmhom li meta dan il-process jitlest ser ikunu notifikati.

Il-Membri tal-Kumitat qablu unanimament.

## 35.5 Kommunikazzjoni mic-Chairperson

35.5.1 Is-Sinjura Deborah Galea informat lill-membri li wasal iż-żmien sabiex issir laqgħa formali mas-Sur Michael Cohen sabiex ilkun diskuss it-traffic management plan għall-Lokalita' tas-Swatar minħabba l-porblema tat-traffiku li ta' kuljum qed tkun ta' problema għar-residenti kollha

Il-Membri tal-Kumitat qablu unanimament u s-Segretarju Eżekuttiv infurmhom li ser jibgħat emejl lis-Sur Cohen sabiex isisr appuntament hekk kif qed ikun rikjest.

35.5.2 Is-Segretarju infrorma lill-Membri dwar Memo 20/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar dan is-suġġett tal-Water Culverts fejn qiegħed ikun mitlub li jitnaddfu l-kanali tal-ilma minħabba li issa wasal biex jidħol l-isstagun tax-Xitwa u għaldaqstant iridu jiżammu fi stat tajjeb. F'dan ir-rigward is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-membri sabiex jibgħatulu b'emejl lista ta fejn jinsablu l-imsemmija Water culverts sabiex ikun jista' jinforma lil-Kunsill tal-Imsid u dak ta' B'kara rispettivament sabiex isir dan it-tindif.

Il-Membri tal-Kumitat qablu unanimament.

35.5.3 Is-Sinjura Deborah Galea qajemt diskussjoni dawr il-boundary wall li hemm ġewwa l-lokalita tas-Swatar fejn gie miftiehem li hemm bzonn liċ-ċnut ta' dawn l-artijiet għħandhom bżonn ikunu ta' 8 filati minħabb li ċertu nies qed jitfgħu l-iskart f'dawn l-artijiet u għaldaqstant qed isiru qishom dumping sites. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-membri sabiex jinfurmawh fejn jinsabu dawn is-siti sabiex l-ewwel ikun identifikat min huwa is-sid ta' dawn l-artijiet sabiex b'hekk tintbgħat ittra ufficjali u jekk l-imsemmija ittra tiġi injurata wara inkunu nistgħu nibagħtu ittra legali.

Il-Membri qablu unanimament

## 35.6 Kommunikazzjoni mill-Membri

Ma kienx hemm l-ebda kommunikjazzjoni mill-Membri

## 35.7 Korrispondenza



MM.

F’din il-Laqgħa kien hemm korrispondenza waħda li hija Memo 20/2014 dwar il-Water Culverts li ġiet diskussa aktar qabel b’ referenza Minuta 35.5.2.

## 35.8 Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta’ Settembru, 2017 fil-5.30 ta’ filgħaxija b’aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa ntemmet fit-7.00 ta’ filgħaxija.

Mangion

***Matthew Mangion***
*Chairperson*

***Michael Mifsud***
*Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 19/9/2017